MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1337/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Paul Muscat (ID. 473376M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija, disa u tletin ewro u tnax-il centezmu (€739.12) minghand il-konvenut, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lilu abbazi ta' ftehim bejn il-partijiet, li minkejja li gie interpellat ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta' Ottubru 2010 fejn deher il-konvenut u ammetta t-talba attrici kif dedotta kontra tieghu.

Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni tal-konvenut, it-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' seba mija, disa u tletin ewro u tnax-il centezmu (€739.12), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------